MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2012

Citazzjoni Numru. 373/2010

**A B**
**vs**
**C D f'isimha proprju u bhala kuratrici tal-minuri E B nominata b'digriet tat-13 ta' Jannar 2011 u d-Direttur tar-Registru Pubbliku**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ippresentat mill-attur fil-5 ta' Ottubru, 2010, li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

1. Illi r-rikorrent u l-intimata C D kienu izzewgu fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Gunju tas-sena elfejn u wiehed (2001);
2. Illi huma kienu isseparaw legalment b'kuntratt in atti tan-Nutar Dottor Rachel Busuttil tat-tnax (12) ta' Novembru tas-sena elfejn u disgha (2009);
3. Illi l-partijiet kienu ilhom separati de facto sa minn Gunju tas-sena elfejn u sitta (2006) u minn dak iz-zmien ma kellhom ebda relazzjonijiet konjugali bejniethom;

4. Illi sussegwentement fit-tmintax (18) ta' Gunju tas-sena elfejn u ghaxra (2010) l-istess intimata welldet tarbija minuri bl-isem ta' E B, kif jirrizulta mll-att tat-twelid hawn anness u mmarkat Dokument A;
5. Illi ghalkemm fic-certifikat tat-twelid tat-tarbija gie dikjarat illi missier it-tarbija kien ir-rikorrent, fil-fatt il-minuri imsemmija giet koncepita fil-kors ta' relazzjoni li l-intimata CD kellha ma terza persuna;
6. Illi l-imsemmija tarbija E B giet registrata b'kunjom ir-rikorrent meta r-rikorrent m'huwiex il-missier naturali tat-tarbija, u dan kif ser jirrizutla waqt is-smiegh u t-trattazzjoni ta' din l-kawza u kif u gja ikkonfermat mit-test genetiku tad-DNA immarkat Dokument B;

TALBIET

Talab li l-konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara illi r-rikorrenti A B ma huwiex il-missier naturali tal-minuri E B, occorrendo bir-rizultati ta' testijiet genetici apposta jekk ikun il-kaz stante li it-testijiet gja gew kompjuti kif jirrizulta mill-anness dokument immarkat bhala Dok B;
2. Tawtorizza l-korrezzjoni ta' l-Att tat-Twelid tal-minuri E B li jgib n-numru progessiv ta' iskrizzjoni 2290 tas-sena 2010 (DOK A) billi tordna lill-intimat id-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel il-korrezzjonijiet mehtiega kif gej :
(i) mill-kolonna li tirrapprezenta isem u kunjom il-missier, jikkancella l-kliem "A B", l-eta, n-numru tad-dokument ta' l-identita', l-post tat-twelid u r-residenza tar-rikorrent, kif ukoll isem u kunjom missier ir-rikorrent u jekk huwiex haj jew mejjet u jissostitwihom bil-kliem 'missier mhux maghruf';
(ii) mill-kolonna fejn hemm indikat l-isem jew l-ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha, tikkancella l-kunjom "B" tbiddlu billi jigi inserit kunjom l-intimata CD;
(iii) tawtorizza u tordna kull modifika ohra in vista ta' l-ewwel talba, u jekk ikun opportun, f'kull att iehor relattiv u sussegwenti;

Bl-ispejjez kontra l-intimati li huma ingunti ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda ta’ l-attur;

Rat in-nota tal-konvenuta C D tal-25 ta’ Ottubru, 2010;

Li biha qed tammetti t-talbiet li ressaq ir-rikorrent A B permezz tar-rikors guramentat tieghu tal-5 ta’ Ottubru 2010 u dan billi bhala fatt, huwa minnu illi :

(1) hi u r-rikorrent isseparaw legalment b’kuntratt in atti tan-Nutar Dottor Rachel Busuttil tat-tnax (12) ta’ Novembru tas-sena elfejn u ghaxra (2010);
(2) qabel id-data tas-separazzjoni taghhom permezz tal-fuq imsemmi kuntratt, huma kienu ilhom separati de facto sa mis-sitta (6) ta’ Gunju tas-sena elfejn u sitta (2006);
(3) l-minuri E m’hijiex il-wild naturali tar-rikorrent izda hija frott relazzjoni li l-istess intimata CD kellha ma terza persuna u dan kif jirrizulta anke minn test genetiku tad-DNA li sar bhala prova ta’ dan;
(4) hija talbet lir-Registru Pubbliku sabiex ma jirregistrax lit-tarbija bhala li hija l-wild naturali tar-rikorrent izda saret taf li dan ma kienx possibbli u b’hekk xorta wahda c-certifikat ta’ twelid gie processat bl-indikazzjoni li r-rikorrent kien missier it-tarbija meta ma kienx hekk il-kaz;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku, li *in forza* taghha huwa eccepixxa :

1. Illi preliminarjament trattasi minn kawza ta’ denegata paternita’ r-rikorrenti jehtieglu jipprova u jissodisfa talanqas wahda mc-cirkostanzi komminati fl-Artikolu 70(1) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;
2. Illi salv il-premess, mill-bqija ghal dak li jikkoncerna mal-mertu tal-kawza l-esponent mhuwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat u ghalhekk huwa jirrimetti ruhu ghar-rizultanzi processwali u kif ukoll ghas-savju gudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti;
3. Illi madankollu attiz in-natura partikolari ta’ din l-azzjoni odjerna l-esponent jhoss opportun li huwa fl-ahjar interess tal-minuri E B, li din l-Onorabbli Qorti tuza s-

setgha taghha moghtija lilha bl-Artikolu 70 (3) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta, billi tistieden lill-partijet involuti f’dawn il-proceduri sabiex joqoghdu ghall-ezamijiet u l-analizi mehtiega biex tigi stabbilita kull prova genetika li jkollha x’taqsam mal-kaz;

4. Illi finalment dejjem minghajr pregudizzju ghas-suriferit, l-esponent jissottomettti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrent mhijex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta’ agir ta’ l-esponent u kwindi huwa m’ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qeghdin jigu ingunti in subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku;

Semghet ix-xhieda li tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi prodotti u l-atti ta’ dan il-procediment;

Rat ir-rapport ta’ Dr Marisa Cassar tad-DNA paternity test illi gieipprezentat u mahluf mill-istess Dr Marisa Cassar fit-30 ta’ Marzu 2011.

Ikkunsidrat :

Illi l-attur xehed illi huwa izzewweg lill-konvenuta fit-22 ta’ Gunju 2001 u minhabba ragunijiet ta’ inkompattibilita u nuqqas ta’ qbil, issepara minn mal-konvenuta permezz ta’ kuntratt iffirmat fit-12 ta’ Dicembru 2009, izda huma kienu ilhom separati de facto sa minn Gunju tas-sena 2006. Effettivament il-konvenuta kienet telqet mid-dar matrimonjali u huwa baqa jghix f’dik id-dar wahdu sa Settembru tas-sena 2006, L-attur kompla jixhed illi hu u il-konvenuta kienu ilhom ma jkollhom relazzjonijiet sesswali flimkien ghal madwar erba’ snin u nofs. L-attur kompla jixhed illi f’Novembru 2009, meta gie iffirmat il-kuntratt ta’ separazzjoni, il-konvenuta kienet diga tqila, izda hu ma kienx induna u kien biss wara li qallu missier

il-konvenuta illi il-konvenuta kellha tarbija illi huwa sar jaf b'din it-tarbija.  Ghalhekk huwa ikkonferma illi skond l-Artikolu 70 (1) (d) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta huwa mhuwiex il-missier naturali tal-minuri E, u dan ukoll huwa ikkonfermat mit-test genetiku tad-DNA.

Ikkunsidrat :

Illi apparti illi hemm l-ammissjoni tal-konvenuta jirrizulta wkoll mit-testijiet xjentifici illi saru tad-DNA illi l-attur mhuwiex il-missier biologiku tal-minuri E B.

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija, il-Qorti qeghda taqta u tiddeciedi din il-kawza billi filwaqt illi tichad l-ewwel tlett eccezzjonijiet tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku, fuq ammissjoni tal-konvenuta CD u kif ukoll kif irrizulta mill-atti kollha processwali, il-Qorti tilqa' t-talbiet attrici u tiddikjara illi A B mhuwiex il-missier naturali tal-minuri E B, u tawtorizza il-korrezzjoni tal-att tat-twelid tal-minuri E B li iggib in-numru progessiv ta' iskrizzjoni 2290 tas-sena 2010 billi tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel is-segwenti korrezzjonijiet :

(1) mill-kolonna li tirrapprezenta isem u kunjom il-missier, jikkancella l-kliem "A B", l-eta, n-numru tad-dokument ta' l-identita', l-post tat-twelid u r-residenza tal-attur, kif ukoll isem u kunjom missier l-attur u jekk huwiex haj jew mejjet u jissostitwihom bil-kliem 'missier mhux maghruf';

(2) mill-kolonna fejn hemm indikat l-isem jew l-ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha, jikkancella l-kunjom "B" u tbiddlu billi jigi inserit kunjom l-konvenuta CD sabiex b'hekk kunjom il-minuri jinqara D. Bl-ispejjez kontra l-konvenuta C D.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------